MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru. 53/2010

**Il- Pulizija**
**[Spettur Mary Edel Camilleri]**
**(Ghall-Uffijcal Principali tal-Immigrazzjoni)**

**vs**

**Jason Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Galea, ta' 35 sena, bin Carmelo u Antonia, imwieled l-Pieta' nhar it-12 ta' Frar 1979, residenti f'Ormar House, Triq Santa Katerina, Bizebbugia, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 161574M.
Akkuzat talli:

1. Fil-21 ta' Jannar 2010, u fix-xhur ta' qabel gewwa fi Sliema, Malta u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, impjegajt jew tajt xoghol lil persuna li ma kienx /kenitx persuna ezenti u

li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f'ta' Sliema u nhawi ohra f'Malta, impjegajt persuna li ma kenitx cittadin ta' Malta meta din il-persuna me kellhiex permess validu u ufficjali; u

3. Aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra, *full time, part time*, jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, nqast li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993. (3ª sa 10).

Rat l-Art. 32(b), Kap. 217, u l-Avviz Legali 1100 tal-1993;

Rat id-dokumenti pprezentati mill-prosekuzzjoni;

Rat l-ezami tal-imputat fejn hu jirregistra ammissjoni;

Rat l-fedina penali tal-imputat hija netta.

Stante l-ammissjoni bikrija tal-imputat u wara li hu kkopera bis-shih, issib lill-istess hati tal-akkuzi kontrih u tikkundannah ghal multa ta' elf, mija u hamsa u sittin Ewro (€1165) pagabbli fi zmien hames xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------